32000R1825

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1825/2000

tal-25 ta' Awwissu 2000

li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettjar taċ-ċanga u tal-prodotti taċ-ċanga

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxil-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u ta' prodotti mill-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 ([1]), b'mod partikolari l-Artiklu 19 tiegħu.

Billi:

(1) Regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 għandhom jiġu stabbiliti, b'mod partikolari fir-rigward tal-bejgħ bejn Stati Membri, sabiex is-sistema tat-tikkettjar ma twassalx għat-tfixkil tal-kummerċ taċ-ċanga u s-suq tal-vitella.

(2) Sabiex tassigura t-traċċabilità, huwa neċessarju, fil-kuntest ta' sistemi kemm obbligatorji kif ukoll volontari tat-tikkettjar taċ-ċanga, li l-operaturi u l-organizazzjonijiet iżommu sistema ta' identifikazzjoni u sistema ta' reġistrazzjoni komprensiva għaċ-ċanga, f'kull wieħed mid-diversi stadji tal-produzzjoni u l-bejgħ.

(3) Sabiex tidentifika l-biċċeriji li għalihom ma jeżisti ebda numru ta' approvazzjoni, huwa meħtieġ, għal perjodu transitorju, li jiġu stabbiliti metodi alternattivi għal dawn il-biċċeriji.

(4) Huwa wkoll neċessarju li tiġi definita l-proċedura li trid tiġi stabbilita għat-tikkettjar ta' laħam taċ-ċanga miksub mill-annimali, li l-informazzjoni sħiħa dwar it-twelid u l-ispustament tagħhom ma kinitx disponibbli minħabba li r-reġistrazzjoni ta' dik l-informazzjoni saret meħtieġa biss wara l-1 ta' Jannar ta' l-1998 bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 tal-21 ta' April 1997 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali tal-fart u fir-rigward tat-tikketjar taċ-ċanga u l-prodotti taċ-ċanga([2]), Dispożizzjoni simili hi meħtieġa għat-tikkettjar taċ-ċanga li ġejja minn annimali importati ħajjin fil-Komunità minn pajjiżi terzi.

(5) Fil-kuntest ta' indikazzjoni sħiħa ta' l-oriġini, biex jevitaw repetizzjoni mhux neċessarja ta' l-indikazzjoni fuq it-tikketta ta' l-Istati Membri jew pajjiżi terzi fejn ikun sar it-tkabbir, huwa neċessarju li tiġi introdotta preżentazzjoni ssimplifikata ibbażata fuq il-ħin li matulu l-annimal li minnu ċ-ċanga kienet miksuba nżamm fl-Istat membru jew fil-pajjiż terz tat-twelid jew tal-qatla..

(6) Huwa neċessarju li s-sitwazzjoni tiġi ċċarata fir-rigward ta' l-informazzjoni supplimentarja li tista' tiġi inkluża fuq tikketti taħt proċeduri ssimplifikati għall-kapuljat taċ-ċanga. Din l-informazzjoni supplementari tista', taħt l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, tiġi indikata sal-1 ta' Settembru 2000. Ċerta informazzjoni tista' tiġi indikata biss sal-1 ta' Jannar 2002 jekk l-Istati Membri kkonċernati jkunu ħadu deċiżjoni biex tapplika sistema ta' tikkettjar nazzjonali obbligatorja li tinkludi t-tali informazzjoni jekk l-operatur ikkonċernat jindika l-informazzjoni fuq bażi volontarja.

(7) Fil-kuntest ta' sistema ta' tikkettjar taċ-ċanga volontarja, huwa neċessarju li tipprovdi għal proċedura aċċelerata jew issimplifikata għal ċertu qtugħ ta' ċanga ittikkettjati fi Stat Membru skond speċifikazzjoni approvata u introdotta fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

(8) Bil-ħsieb li tiggarantixxi l-affidabbiltà ta' l-ispeċifikazzjoni, huwa neċessarju għall-entità indipendenti u għall-awtorità kompetenti li jkollhom aċċess għar-rekords kollha miżmuma mill-operaturi u mill-organizzazzjonijiet u li jwettqu kontroll fuq il-post fuq bażi ta' analiżi tar-riskju.

(9) L-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet meta l-produzzjoni taċ-ċanga sseħħ, b'mod sħiħ jew in parti, f'pajjiż terz. Ikun approprjat jekk jiġu stabbiliti regoli ddettaljati implimentattivi għall-proċedura ta' approvazzjoni ta' l-importazzjoni taċ-ċanga minn pajjiżi terzi.

(10) Sabiex jiġi żgurat li l-arranġamenti tat-tikkettjar li għandhom x'jaqsmu ma' ċanga importata ta' affidabbiltà ekwivalenti għal dawk applikabbli għaċ-ċanga tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha teżamina n-notifiki li jaslu minn pajjiżi terzi. In-notifiki sħaħ għandhom jiġu trasmessi lill-Istati Membri meta l-Kummissoni tasal għall-konklużjoni li l-proċeduri u/jew l-kriterji applikati fil-pajjiż terz konċernat hi ekwivalenti għall-istandards stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

(11) Sabiex tiggarantixxi l-affidabbiltà tas-sistema tat-tikketjar fil-pajjiżi terzi l-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali u għandha tieħu l-miżuri meħtieġa fid-dawl ta' l-informazzjoni li tasal bħala riżultat ta' dawn it-talbiet.

(12) Il-Kummissjoni tista' twettaq kontrolli fil-pajjiżi terzi. Sabiex tkun tista' twettaq kontrolli f'pajjiż terz, il-Kummissjoni teħtieġ il-kunsens tal-pajjiż terz in kwestjoni. Jekk it-tali kunsens ma jasalx, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa.

([1]) ĠU L 204, tal-11.08.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 117, tas-7.5.1997, p. 1.

(13) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jwettqu kontrolli sabiex jiggarantixxu reqqa suffiċenti għat-tikketti użati volontarjament.

(14) Għandu jiġi stabbilit qafas għas-sanzjonijiet li għandhom jiġu imposti fuq l-operaturi. Dan il-qafas għandu jqis issitwazzjonijiet meta operatur ma jkunx ittikkettja ċ-ċanga b'mod konformi mar-regoli ta' sistema ta' tikkettjar obbligatorja jew meta operatur jittekkettja ċ-ċanga, fil-kuntest ta' sistema ta' tikkettjar volontarja, minħajr ma jħares l-ispeċifikazzjonijiet jew fejn m'hemm l-ebda speċifikazzjoni approvata. Għal perjodu limitat, sa l-1 ta' Jannar 2001, biex tagħmel tajjeb għaddiffikultajiet ta' operaturi fl-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament, l-iktar sanzjonijiet iebsin għandhom jittieħdu biss meta t-tikketta jkollha informazzjoni li tista' tqarraq lill-konsumatur jew ma tikkonformax ma' l-ispeċifikazzjoni approvata.

(15) Ir-Regolament (KE) Nru 820/97 jistabbilixxi li kull operatur jew organizzazzjoni li jixtiequ jagħmlu indikazzjoni volontarja fuq tikketta għandhom jissottomettu speċifikazzjoni għall-approvazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru li fih iseħħu l-produzzjoni jew il-bejgħ taċ-ċanga in kwestjoni. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2772/1999 tal-21 ta' Diċembru 1999 li jistabbilixxi regoli ġenerali għal sistema obbligatorja ta' tikkettjar taċ-ċanga ([1]) ippermettiet lill-operaturi biex ikomplu jagħtu indikazzjonijiet volontarji fuq it-tikketti taċ-ċanga, bħala kumpliment għall-indikazzjonijiet obbligatorji, sal-31 ta' Awwissu 2000.

(16) Kemm-il darba ma tkun saret ebda bidla għall-ispeċifikazzjonijiet volontarji approvati u fuq kondizzjoni li huma konformi mar-regoli l-ġodda, huwa xieraq li t-tali speċifikazzjonijiet kif ukoll dawk approvati għall-pajjiżi terzi, għandhom ikomplu jkunu validi.

(17) Ir-Regolament (KE) Nru 820/97 jistabbilixxi li, meta jkunu disponibbli dettalji suffiċenti fis-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni għall-annimali tal-fart, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li, għal ċanga minn annimali mwielda, imkabbra u maqtula fl-istess Stat Membru, iridu jiġu indikati wkoll biċċiet supplimentari ta' informazzjoni fuq it-tikketti. Ir-Regolament (KE) Nru 2772/1999 jippermetti lill-Istati Membri biex ikomplu jirrikorru għall-possibbiltà li jimponu sistema ta' tikkettjar obbligatorja għaċ-ċanga minn annimali mwielda, imsemmna u maqtula fit-territorju tagħhom stess, b'mod konformi ma' l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (KE) Nru 820/97, fuq bażi proviżorja, sal-31 ta' Awwissu 2000.

(18) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 98/595/KE tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar l-applikazzjoni għal sistema ta' tikkettjar taċ-ċanga obbligatorja fi Franza u l-Belġju ([2]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 1999/1/KE ta' l-14 ta' Diċembru 1998 dwar l-applikazzjoni għal sistema ta' tikkettjar obbligatorja fil-Finlandja([3]) tippermetti li dawk l-Istati Membri jimponu sistema ta' tikkettjar obbligatorja għaċ-ċanga għall-annimali mwielda, imsemmna u maqtula fit-territorju tagħhom stess. Dawk id-deċiżjonijiet, kif ukoll kull deċiżjonijiet ulterjuri ta' din ix-xorta, għandhom ikomplu jkunu applikabbli sa kemm l-indikazzjoni sħiħa ta' l-oriġini fis-sistema Komunitarja tat-tikkettjar obbligatorja tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2002.

(19) Sabiex jissorveljaw l-applikazzjoni tas-sistema ta' tikkettjar volontarja, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw l-ispeċifikazzjonijiet approvati u jikkomunikaw l-informazzjoni lill-Kummissjoni dwar ir-regoli implimentattivi nazzjonali tagħhom u l-indikazzjonijiet volontarji approvati fit-territorju tagħhom. Huwa meħtieġ li din l-informazzjoni tinżamm regolarment aġġornata.

(20) Huwa meħtieġ li jiġi abrogat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1141/97 tat-23 ta' Ġunju 1997, li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 fir-rigward tat-tikkettjar taċ-ċanga u tal-prodotti taċ-ċanga([4]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 824/98([5]). Madanakollu, sabiex tiġi evitata kull konfużjoni matul il-perjodu tranżitorju qabel l-introduzzjoni tas-sistema obbligatorja, kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1760/2000, ir-Regolament (KE) Nru 1141/97 għandu jibqa' jgħodd għal-laħam li ġej minn annimali maqtula qabel l-1 ta' Settembru 2000.

(21) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Laħam taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Traċċabilità

L-operaturi u l-organizazzjonijiet kollha, fit-tifsira tat-tielet daħla ta' l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, għandhom, f'kull wieħed mid-diversi stadji tal-produzzjoni u l-bejgħ, ikollhom sistema ta' identifikazzjoni u sistema ta' reġistrazzjoni komprensiva.

Din is-sistema għandha tiġi applikata b'tali mod li tassigura rabta bejn l-identifikazzjonijiet tal-laħam u l-animal jew annimali in kwestjoni kif stabbilit fl-Artikolu 13(1) u 16(2) tar-Regolament.

Is-sistema tar-reġistrazzjoni għandha tirreġistra, b'mod partikolari, il-wasla u t-tluq tal-bhejjem, karkassi u/jew qtugħ biex tassigura li korrelazzjoni bejn il-wasliet u t-tluq tkun iggarantita.

L-Artikolu 2

It-tikkettjar meta l-informazzjoni ma tkunx disponibbli

1. In-numru ta' l-approvazzjoni, kif issir referenza għalih fl-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 għandu jkun:

(a) jew in-numru ta' approvazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE ([6]),

(b) jew, meta ma jkun hemm l-ebda numru ta' approvazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni nazzjonali.

([1]) ĠU L 334, tat-28.12.1999, p. 1.
([2]) ĠU L 286, tat-23.10.1998, p. 55.
([3]) ĠU L 1, tal-5.1.1999, p. 3.
([4]) ĠU L 165, ta' l-24.06.1997, p. 7.
([5]) ĠU L 117, tal-21.04.1998, p. 4.
([6]) ĠU 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64.

Meta l-ebda wieħed miż-żewġ numri ma jkun disponibbli, sa l-1 ta' Jannar 2001, in-numru jista' jiġi mibdul bl-isem u l-indirizz tal-biċċerija.

2. Fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 13 (5) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000:

(a) għal-laħam li ġej minn annimali mwielda fil-Komunità qabel l-1 ta' Jannar 1998, meta l-informazzjoni dwar il-post tat-twelid u/jew il-post tat-trobbija, minbarra l-aħħar post tat-trobbija, ma tkunx disponibbli, l-indikazzjoni tal-post tat-twelid u/jew post tat-trobbija għandha tiġi mibdula bl-indikazzjoni "*(Imwielda qabel l-1 ta' Jannar 1998)".

(b) għal laħam miksub minn annimali impurtati ħajjin fil-Komunità, meta l-informazzjoni dwar il-post tat-twelid u/jew il-post tat-trobbija, minbarra l-aħħar post tat-trobbija, ma tkunx disponibbli, l-indikazzjoni tal-post tat-twelid u/jew applikazzjoni tal-post tat-trobbija għandhom jiġu mibdula bl-indikazzjoni "*(Importazzjoni ħajja fil-KE)" jew "*(Importazzjoni ta' annimali ħajjin minn (isem ta' pajjiż terz))".

L-Artikolu 3

Simplifikazzjoni ta' l-indikazzjoni ta' l-oriġini

Fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 13(5)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, għaċ-ċanga miksuba minn annimali li jkun ilhom jiġu mrobbija għal 30 jum jew inqas:

— fl-Istat Membru jew pajjiż terz tat-twelid,

— fl-Istat Membru jew pajjiż terz fejn saret il-qatla,

l-indikazzjoni ta' dawk l-Istati Membri jew pajjiżi terzi, bħala l-Istat Membru jew pajjiż terz fejn saret it-trobbija, m'għandhiex tkun meħtieġa, kemm-il darba dawk l-annimali ġew imrobbija fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz għal perjodu itwal minn 30 jum.

L-Artikolu 4

Daqs tal-grupp

1. Matul il-qtugħ tal-karkassi jew kwarti, id-daqs tal-grupp li għalih issir referenza fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 għandu jkun definit bin-numru tal-karkassi jew kwarti maqtugħa flimkien u li jikkostitwixxu lott wieħed għall-impjant tal-qtugħ konċernat. Dan id-daqs ma jista' f'ebda każ jeċċedi l-produzzjoni ta' ġurnata.

2. Maqtul il-qtugħ jew l-ikkapuljar, grupp jista' jiġi rrikostitwit mill-gruppi kollha li għalihom issir referenza fil-paragrafu 1 impoġġija fi qtugħ jew kapuljar fl-istess ġurnata.

L-Artikolu 5

Kapuljat taċ-ċanga

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, laħam kapuljat huwa definit bħala laħam li ġie mqatta' kapuljat fi frak jew mgħoddi minn magna bi skrun spirali.

2. L-informazzjoni supplimentari li tista' tkun inkluża fuq tikketti kif provdut fit-tielet subinċiż ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 għandha tkun:

(a) sa mill-1 ta' Settembru 2000, l-indikazzjonijiet li għalihom issir referenza fl-Artikolu 13(2)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, kif ukoll id-data ta' l-ikkapuljar;

(b) sa mill-1 ta' Settembru 2000 sa l-1 ta' Jannar 2002, l-indikazzjonijiet li għalihom issir referenza fil-punti (a)(i) u (ii) u (b) ta' l-Artikolu 13(5) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, jekk l-Istat Membru kkonċernat jkun ħa deċiżjoni biex japplika sistema ta' tikkettjar obbligatorja inkluża t-tali informazzjoni jew jekk l-operatur konċernat jindika l-informazzjoni, b'mod konformi mat-Taqsima II tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, fuq bażi volontarja,

(c) sa mill-1 ta' Jannar 2002, l-indikazzjonijiet li għalihom issir referenza fl-Artikolu 13(5)(a)(i) u (ii) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

L-Artikolu 6

Proċeduri ta' approvazzjoni

1. Il-perjodu stabbilit fit-tieni subinċiż ta' l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, li matulu ma tkunx ingħatat jew ġiet miċħuda l-approvazzjoni u li matulu ma tkunx ġiet mitluba informazzjoni supplimentari mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li lilu tintbagħat iċ-ċanga, għandu jkun ta' xahrejn mill-ġurnata wara d-data ta' meta tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

2. Skond l-Artikolu 16(5) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 dwar il-qtugħ ta' ċanga fina f'pakketti individwali, ittikkettjati fi Stat Membru skond speċifikazzjoni approvata u introdott fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, meta l-ebda informazzjoni ma tkun miżjuda mat-tikketta tal-bidu, il-perjodu pprovdut fit-tini subparagrafu ta' l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 għandu jkun ta' 14-il jum.

3. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 16(5) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, ċanga f'pakketti żgħar ta' l-imnut li ġew ittikketjati fi Stat Membru skond speċifikazzjoni approvata tista' tiġi introdotta fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u mibjugħa hemmehekk mingħajr approvazzjoni minn qabel ta' l-ispeċifikazzjoni tat-tikketjar minn dan l-Istat Membru, dejjem jekk:

(a) il-pakketti in kwestjoni jibqgħu mhux mibdula;

(b) l-ispeċifikazzjoni approvati mill-Istat Membru tal-pakkettjar jkopri wkoll l-bejgħ taċ-ċanga ppakjata fi Stati Membri oħrajn;

(c) l-Istat Membru li japprova t-tali speċifikazzjoni jipprovdi l-informazzjoni neċessarja kollha bil-quddiem lill-Istati Membri l-oħrajn kollha, fejn, skond l-ispeċifikazzjoni approvata, iċ-ċanga ppakkjata għandha tinbiegħ.

L-Artikolu 7

Kontrolli

1. L-operaturi u l-organizzazzjonijiet għandhom il-ħin kollu jagħtu lill-esperti tal-Kummissjoni, lill-awtorità kompetenti u lill-entità ta' kontroll indipendenti relevanti fit-tifsira tat-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, aċċess għall-kwartieri tagħhom u għar-rekords kollha li jippruvaw li l-informazzjoni fuq it-tikketti in kwestjoni hija tajba.

2. L-awtorità kompetenti u, fil-każ li għalih issir referenza fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, l-entità ta' kontroll indipendenti għandha twettaq kontrolli regolari fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju li għandha tikkunsidra, b'mod partikolari, il-komplessità ta' l-ispeċifikazzjoni kkonċernata. Għal kull kontroll għandu jsir rapport ta' spezzjoni li jinkludi kwalunkwe nuqqas kif ukoll il-miżuri proposti biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni u kwalunkwe limiti ta' żmien u sanzjonijiet imposti.

3. Meta l-għażla pprovduta fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 ma tiġix magħżula, l-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli b'tali mod li tagħti garanziji suffiċenti ta' l-eżattezza fuq it-tikketti użati. Il-frekwenza tagħhom għandha tkun stabbilita, b'mod partikolari, b'referenza għall-kumplessità ta' l-ispeċifikazzjoni kkonċernata.

4. L-operaturi, l-organizzazzjonijiet u l-entitajiet ta' kontroll independenti għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni relevanti kollha lill-awtorità kompetenti.

L-Artikolu 8

Approvazzjonijiet mogħtija minn pajjiżi terzi

1. Il-Kummissjoni għandha tivverifika li n-notifikazzjonijiet huma kompluti kif stabbilit fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000. Mal-wasla ta' notifikazzjoni li ma tkunx kompluta, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-pajjiż terz kkonċernat filwaqt li tindika l-informazzjoni li hija meħtieġa.

In-notifikazzonijiet kompluti għandhom jiġu trażmessi mill-Istati Membri sa kemm il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li l-proċeduri u/jew l-kriterji applikati fil-pajjiż terz ikkonċernat humiex ekwivalenti għall-istandards stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 b'mod konformi mal-poteri tiegħu li jagħmel hekk skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 17(2) ta' dak ir-Regolament.

2. Jekk, f'kull ħin, il-Kummissjoni jidhrilha, fuq il-bażi tan-notifika stabbilita fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, li huwa approprjat li tivverifika li l-proċeduri u/jew kriterji notifikati f'pajjiż terz huma fl-istess ħin ekwivalenti ma' l-istandards stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000, il-Kummissjoni tista' titlob lill-pajjiż terz biex jipprovdi kull informazzjoni meħtieġa. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tista' titlob lill-pajjiż terz biex jipprovdi kopji ta' l-ispeċifikazzjonijiet approvati mill-awtorità kompetenti nnominata. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll lill-pajjiż terz biex jawtorizza lil rappreżentanti tal-Kummissjoni biex iwettqu kontrolli f'pajjiż terz.

3. Jekk xi informazzjoni jew awtorizzazzjoni skond il-paragrafu preċedenti ma tasalx fiż-żmien speċifikat mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-proċeduri u/jew kriterji applikati fil-pajjiż terz m'humiex ekwivalenti għall-istandards stabiliti fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

4. Il-Kummisjoni tista' f'kull ħin tibdel id-deċiżjoni inizjali tagħha fir-rigward ta' l-ekwivalenza tal-proċeduri u/jew kriterji applikati fil-pajjiż terz konċernat skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikoli 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

L-Artikolu 9

Sanzjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' sanzjonijiet li għandha tkun applikabbli fil-każ ta' ksur tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jassiguraw l-implimentazzjoni tagħhom. Is-sanzjonijiet stabbiliti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u diswassivi.

2. Mingħajr preġudizzju għas-sanzjonijiet li għalihom issir referenza fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, meta ċ-ċanga tkun ġiet ittikkettjata:

— mingħajr ma ġiet imħarsa s-sistema ta' tikkettjar obbligatorja, jew

— fil-każ ta' applikazzjoni tas-sistema volontarja, mingħajr ma ġiet imħarsa l-ispeċifikazzjoni, jew meta ma jkun hemm ebda speċifikazzjoni approvata,

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li ċ-ċanga titneħħa minn fuq is-suq sakemm tiġi ittikkettjata mill-ġdid skond dan ir-Regolament.

Madanakollu, jekk il-laħam ikkonċernat jkun konformi mar-regoli kollha eżistenti veterinarji jew ta' iġene, l-Istati Membri jistgħu, minbarra s-sanzjonijiet li għalihom issir referenza fil-paragrafu 1, jawtorizzaw li t-tali ċanga tintbagħat direttament għall-ipproċessar fi prodotti, minbarra dawk indikati fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

3. Sa l-1 ta' Jannar 2001, it-tneħħija tal-laħam taċ-ċanga mis-suq għandha ssir biss meta t-tikketta jkollha informazzjoni li tista' tqarraq lill-konsumatur b'ċertu grad sostanzjali jew jekk ma tkunx tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjoni approvata.

L-Artikolu 10

Rekords

L-awtorità kompetenti għandha tagħmel rekord ta' l-ispeċifikazzjonijiet approvati u, b'mod partikolari, ta' kull operatur u organizzazzjoni responsabbli għat-tikkettjar taċ-ċanga u l-entità independenti responsabbli għall-kontrolli.

L-Artikolu 11

Komunikazzjonijiet

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni:

(a) l-ismijiet ta' l-awtorità kompetenti għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' tikkettjar skond ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 kif ukoll ir-regoli ddettaljati l-oħrajn u, b'mod partikolari, dawk li jirrigwardaw il-kontrolli relevanti li għandhom jitwettqu u s-sanzjonijiet li għandhom jiġu applikati;

(b) sat-30 ta' Settembru 2000, lista ta' l-indikazzjonijiet volontarji kollha approvati fit-territorju tagħhom;

(c) kull tliet xhur, aġġornatment tal-lista li għaliha ssir referenza fil-punt (b).

L-Artikolu 12

Dispożizzjonijiet transitorji

Fuq il-kondizzjoni li huma konformi mar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 u ma' dan ir-Regolament,

(a) l-ispeċifikazzjonijiet volontarji approvati taħt l-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (KE) Nru 820/97 għandhom ikomplu jkunu validi;

(b) is-sistemi nazzjonali obbligatorji tat-tikkettjar taċ-ċanga, approvati taħt l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (KE) Nru 820/97, għandhom ikomplu jkunu validi sa l-1 ta' Jannar 2002, kif ukoll kull deċiżjonijiet oħra ta' din ix-xorta.

L-Artikolu 13

Abrogazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 1141/97 huwa hawnhekk abrogat.

Madanakollu, għandu jibqa' applikabbli għall-laħam li ġej minn annimali maqtula qabel l-1 ta' Settembru 2000.

Ir-referenzi għar-Regolament abbrogat għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw b'mod konformi mat-tabella tal-korrelazzjoni fl-Anness.

L-Artikolu 14

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan għandu japplika għaċ-ċanga miksuba minn annimali maqtula mill-1 ta' Settembru 2000.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, il-25 ta' Awwissu 2000.

Għall-Kummissjoni

Philippe BUSQUIN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Tabella tal-Korrelazzjoni

(Regolament (KE) Nru 1141/97)	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 2	L-Artikolu 1
—	L-Artikolu 2
—	L-Artikolu 3
—	L-Artikolu 4
—	L-Artikolu 5
L-Artikolu 1	L-Artikolu 6
L-Artikolu 3	L-Artikolu 7
L-Artikolu 4a	L-Artikolu 8
L-Artikolu 4	L-Artikolu 9
L-Artikolu 5(1)	L-Artikolu 10
L-Artikolu 5(2)	L-Artikolu 11
—	L-Artikolu 12
—	L-Artikolu 13
L-Artikolu 6	L-Artikolu 14